

Brussell, 14 ta' April 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0191(COD)

14148/1/20
REV 1 ADD 1

EDUC 451
JEUN 136
SPORT 51
SOC 819
RELEX 1022
RECH 530
CADREFIN 462
IA 121
CODEC 1372
PARLNAT 153

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jstabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażaġħ u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fit-13 ta' April 2021

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-30 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi "Erasmus": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, zgħażaġh u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013¹.
2. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-28 ta' Marzu 2019.
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Ottubru 2018. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni adotta l-opinjoni tiegħu fis-sessjoni tiegħu tas-6-7 ta' Frar 2019.
4. Fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Novembru 2018, il-Kunsill qabel dwar Approċċ Ġenerali Parzjali² dwar il-proposta tal-Kummissjoni li jagħti mandat lill-Presidenza biex tinnegozja mal-Parlament Ewropew. Saru ħames trilogi u ntlaħaq qbil proviżorju fl-aħħar trilogu fil-11 ta' Diċembru 2020.
5. Fit-18 ta' Diċembru 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-kompromess finali li rriżulta mit-trilogi.
6. Fil-11 ta' Jannar 2021, il-Kumitat CULT tal-Parlament Ewropew approva t-test.

¹ 9574/18 + ADD 1.

² 14797/18.

II. OBJETTIV

7. L-għan ġenerali tal-proposta huwa li jappoġġa, permezz tat-tagħlim tul il-ħajja, l-iżvilupp edukattiv, professjonali u personali tal-persuni fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport, fl-Ewropa u lil hinn minnha, u b'hekk jikkontribwixxi għal tkabbir sostenibbli, impjiegi ta' kwalità u koeżjoni soċjali, għall-ixprunar tal-innovazzjoni, kif ukoll għat-tishiġ tal-identità Ewropea u ċ-ċittadinanza attiva. Il-Programm għandu jkun strument ewlieni għall-bini ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni strateġika Ewropea fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż l-aġendi settorjali sottostanti tagħha, li javvanzaw il-kooperazzjoni tal-politika taż-żgħażaġh skont l-Istrateġija taż-Żgħażaġħ tal-Unjoni 2019-2027 u l-iżvilupp tad-dimensjoni Ewropea fl-isport.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

8. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fiha l-elementi ewlenin li ġejjin, li dwarhom intlaħaq qbil bejn il-koleġislaturi fit-trilogi:

Kwistjonijiet ewlenin

9. Il-Parlament Ewropew kien qajjem tħassib dwar il-governanza tal-programm u r-rwol ristrett tal-PE fit-tehd ta' deċiżjonijiet, f'każ li jiġu introdotti inizjattivi ġodda matul il-perijodu ta' programmazzjoni. Il-koleġislaturi qablu li jżidu Anness ġdid għar-Regolament, b'deskrizzjoni aktar dettaljata tal-azzjonijiet appoġġati mill-programm. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda l-Anness billi żżid mad-deskrizzjoni tal-azzjonijiet, fejn meħtieġ, sabiex tadatta għall-iżviluppi fl-oqsma rilevanti. Din is-soluzzjoni tqis kemm il-prijorità tal-Kunsill li jżomm Regolament sempliċi li jħalli biżżejjed flessibbiltà għall-implimentazzjoni, kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-Parlament li jkun involut f'deċiżjonijiet politikament rilevanti meħuda matul il-fażi ta' implimentazzjoni tal-programm.
10. Id-distribuzzjoni tal-baġit bejn id-diversi oqsma tal-programm u l-kamp ta' applikazzjoni tal-programm kienet kwistjoni importanti għaż-żewġ koleġislaturi li segwew il-prijoritajiet rispettivi tagħhom. Fil-pakkett ta' kompromess ġenerali l-koleġislaturi qablu li jinkludu t-tliet "inizjattivi ġodda" kollha proposti mill-Kummissjoni (Universitajiet Ewropej, Ċentri ta' eċċellenza vokazzjonali u DiscoverEU) fil-programm il-ġdid. Il-Kunsill enfasizza l-ħtieġa li tiżdied l-allokazzjoni tal-baġit għall-azzjonijiet ġestiti direttament, speċjalment biex jiġi żgurati finanzjament adatt għall-Universitajiet Ewropej u ċ-Ċentri ta' eċċellenza vokazzjonali. Din iż-żieda hija riflessa fil-pożizzjoni tal-Kunsill.

11. Wara l-proposta mill-PE, il-Kunsill qabel li jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-programm biex ikopri l-mobbiltà tat-tagħlim tal-istudenti adulti, kif ukoll li jżid l-allokazzjoni tal-baġit għal attivitajiet fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET). Barra minn hekk, bħala parti mill-ftehim, il-Kummissjoni ser toħroġ dikjarazzjoni dwar ammont indikattiv ta' EUR 400 miljun biex jiġu appoġġati pjattaformi ta' Ċentri ta' eċċellenza vokazzjonali. Barra minn hekk, intlaħaq qbil dwar żieda żgħira fl-allokazzjoni tal-baġit għal attivitajiet fil-qasam tal-isport.
12. Minħabba ż-żieda fl-attivitajiet fil-VET u l-edukazzjoni għall-adulti, li ser twassal għal żieda fil-piż amministrattiv għall-aġenziji nazzjonali, l-allokazzjoni tal-baġit għal dawn l-aġenziji żdiedet bi ffit.
13. Iż-żidiet kollha miftiehma fl-allokazzjonijiet baġitarji ta' hawn fuq għandhom jiġu koperti mill-marġni ta' flessibbiltà li tnaqqas kif xieraq.

Kwistjonijiet oħra

14. Il-koleġiżlaturi qablu li jżommu l-isem tal-programm attwali Erasmus+, li, fil-fehma tagħhom, jirrifletti aħjar il-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tal-programm li jmur ferm lil hinn mill-qasam tal-edukazzjoni għolja.
15. Il-Kunsill qabel max-xewqa tal-Parlament li jagħti prominenza ħafna akbar lill-inklużjoni, permezz tal-ħolqien ta' kapitolu awtonomu dwar l-inklużjoni fi ħdan ir-Regolament.
16. Il-Kunsill qabel ukoll li jżid artikolu ġdid dwar il-valur miżjud Ewropew, f'konformità mal-programm Erasmus+ preċedenti.
17. Filwaqt li l-Kummissjoni fil-proposta tagħha kienet ipproponiet sett limitat ta' indikaturi, il-Kunsill u l-PE qablu li jikkompletaw l-Anness b'indikaturi aktar dettaljati.

18. Diversi dispożizzjonijiet inbidlu wara l-approċċ orizzontali tal-Kunsill għall-fajls kollha relatati mal-QFP. Dawn jikkonċernaw b'mod partikolari ż-żieda tat-tul ta' żmien tal-programm fl-Artikolu 1, biex ikun konformi mal-qafas ta' żmien tal-QFP 2021-2027, mad-dispożizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi, mad-dispożizzjonijiet għal finanzjament kumulattiv u alternattiv u mad-dispożizzjonijiet għar-retroattività.

I. KONKLUŻJONI

19. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti b'mod sħiħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, iffaċilitat mill-Kummissjoni. Dan il-kompromess huwa kkonfermat mill-ittra tal-President tal-Kumitat CULT tal-Parlament Ewropew lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (15 ta' Jannar 2021). F'din l-ittra, il-President tal-Kumitat CULT tindika li, jekk il-Kunsill jibgħat formalment lill-Parlament il-pożizzjoni tiegħu kif miftiehem, hija tirrakkomanda lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti, fit-tieni qari tal-Parlament.